

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/878****tas-26 ta' Mejju 2021****li taħtar membru, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralu ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 <sup>(2)</sup>, biex ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Florian HERRMANN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-gvern Ġermaniż ippropona lis-Sa Melanie HUML, rappreżentanta ta' korp eżekuttiv reġjonali b'mandat elettoralu (*Staatsministerin, Bayerische Staatsregierung*), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jiddekorri sal-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Melanie HUML, rappreżentanta ta' korp eżekuttiv reġjonali b'mandat elettoralu (*Staatsministerin, Bayerische Staatsregierung*), hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jiddekorri sal-25 ta' Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. do C. ANTUNES

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).